**KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ**

**AĠENDA NUMRU 59– 11 ta' Frar 2019**

***Minuti tat-59 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar fl-11 ta' Frar, 2019 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tiegħu fi Triq Frans Sammut fis-6:00pm ta' filgħaxija sabiex issir Agenda Numru 59. Il-laqgha bdiet fil-6:05pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Alfred Grixti** | Vici-Sindku |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **Vernalise Scicluna** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apologija:** | **Philip Said** | Kunsillier |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works' Co-ordinator |
| | **Paul Bugeja** | Accountant |
| **Ufficċjal prezenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Ezekuttiv |

59.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti li l-Kunsillier Philip Said ma setax jattendi ghal din il-laghqa minhabba ragunijiet ta' sahha.

59.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Is-Sindku Sarah Agius prezentat il-minuti tal-laqgha ta' Jannar sabiex jigu approvati. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Vernalise Scicluna. Astjena mill-vot il-Kunsillier Chris Bongailas. Kien hemm qbil unanimu mill-kumplament tal-Kunsilliera.

Minhabba li l-Accountant Paul Bugeja kien diga prezenti, gie deciz li l-Financial Accounts ghas-sena 2018 jigu dikussi mmedjatament. Kien hemm qbil unanimu.

59.9 Approvazzjoni Financial Accounts 2018

Wara li l-laqgha waqghet fi stadju ta' kumitat, sabiex ikun jista jispjega l-Accountant; gew innutati dawn il-punti:

1. Li giet implimentata id-decizjoni tad-DLG li jintuza l-*capital approach* u mhux l-*income approach* u ghalhekk id-*depreciation* zdiedet konsiderevolment. Id-diprezzament huwa meqjus bhala parti mill-ispiza u ghalhekk inaqqas il-profitt/izid it-telf.
2. Id-*Day-today Running Expenditure* mar ghall-ahjar.
3. L-effett tad-decizjoni tal-Arbitragg Bonnici Bros vs. Kunsill Lokali ta daqqa l'isfel lill-*Profit and Loss* u anke lill-*Balance Sheet.* Dan minhabba li l-ammont ta' Eur488,289.83 irid

jithallas immedjatament kif ukoll l-interessi fuq dan l-ammont li jiskattaw f'perjodi differenti u li jammontaw ghal madwar Eur192,174 sad-data tad-decizjoni u li jibqghu jakkumulaw sakemm ma l-ammont intier jigi mhallas.

Dan kollu wassal ghall-telf matul is-sena li jammonta ghal Eur296,890, fejn is-sena li ghaddiet kien hemm profitt ta Eur198,454. Dan kompla wassal ghal net liability position ta' Eur535,430.

Is-Sindku Sarah Agius pproponiet li dawn il-Financial Statements ghas-sena 2018 jigu approvati. Hija giet sekondata mill-Vici-Sindku Alfred Grixti. Ittiehed vot. Il-vot kien unanimu.

## 59.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

Is-Sindku Sarah Agius proponiet li Sqaq Nru.2 f'Misrah l-Isptar jinghata wicc gdid u jintuzaw il-fondi mid-Development Fund tal-Planning Authority. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Clive Azzopardi. Kien hemm qbil unanimu.

## 59.4 Decizjoni dwar M4.3 – Toroq Rurali

Is-Sindku Sarah Agius infurmat li l-applikazzjoni ghall-estensjoni tal-fondi fuq it-Triq it-Troll ma kienx giet milqugha. L-ammont mitlub kien ta' madwar Eur250,000. Originarjament din-triq kellha tigi tiswa Eur55,000, u filfatt dan l-ammont kien gie approvat mill-Awtorita kkoncernata. Pero minhabba li din it-triq hija parti mill-wied, il-Perit kien mitlub sabiex din it-triq tkun tista tigi uzata anke meta jkun il-maltemp. U ghalhekk kellu jinbidel il-pjan originali sabiex il-livell tat-triq joghla, kif ukoll jinbena culvert sabiex l-ilma jigi evitat mit-triq.

Minhabba li l-istima l-gdida ma gietx approvata mill-Awtorita, il-Kunsill qabel fuq proposta tas-Sindku Sarah Agius, issekondata mill-Kunsillier Clive Azzopardi, li l-process ghal Triq it-Troll ghandu jitwaqqaf, filwaqt li jsiru talbiet lill-Infrastructure Malta sabiex din it-triq issir.

## 59.5 Impjegat Philip Gatt

Qabel ma bdiet id-diskussjoni fi stadju ta' kumitat, is-Segretarju Ezekuttiv fakret lill-Kunsilliera prezenti li jekk xi hadd minnhom ghandu kunflitt ta nteress, dan ghandu jigi ddikjarat u ghaldaqstant ma jippartecipax fid-diskussjoni. Is-Sindku Sarah Agius proponiet li l-laqgha taqa' fi stadju ta' kumitat. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Roderick Aquilina.

Wara dikussjoni, il-Kunsill qabel li d-decizjoni dwar l-impjegat Philip Gatt tigi diskussa fil-laqgha li jmiss. Gie deciz li n-nofs paga ta' Philip Gatt ghax-xahar ta' Frar ma tinghatax ghalissa u tigi posposta skont id-decizjoni li tinghata.

## 59.6 Tender Latrina Pubblika

Gie maqbul li issa li t-tender huwa skadut, jibda x-xoghol sabiex jinhareg tender gdid, u sakemm ma jsir dan ix-xoghol, jingabru tlett kwotazzjonijiet.

## 59.7 Tender – Accountant

Il-Kunsill qabel unanimament li dan it-tender jigi estiz b'sitt xhur mid-data ta' din il-laqgha tal-Kunsill.

59.8 Publikazzjoni dwar Xoghlijiet tal-Kunsill

Il-Kunsill qabel li jigi ppublikat ktieb bix-xoghlijiet tal-Kunsill. Ghaldaqstant il-kunsilliera kollha li jixtiequ jiktbu xi haga, jistghu jghaddu l-artikli taghhom sal-bidu ta' Marzu.

59.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

Wara li saret diskussjoni s-Sindku resqet l-iskeda tal-pagamenti ghall-approvazzjoni. Hija giet sekondata mill-Vici-Sindku Alfred Grixti. Il-vot gie approvat unanimament.

59.10 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mill-Kunsilliera prezenti.

59.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgha spiccat fis-8:15pm. Gie deciz li l-laqgha li jmiss ssir nhar it-Tnejn 11 ta' Marzu 2019.

| | |
|---|---|
| **Sarah Agius** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |

,